

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Obersten Gerichtshof (l-Awstrija) fit-13 ta' April 2017 –
Bundeskammer für Arbeiter und Angestellte vs ING-DiBa Direktbank Austria Niederlassung der
ING-DiBa AG**

(Kawża C-191/17)

(2017/C 239/29)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Oberster Gerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Bundeskammer für Arbeiter und Angestellte

Konvenuta: ING-DiBa Direktbank Austria Niederlassung der ING-DiBa AG

Domandi preliminari

L-Artikolu 4(14) tad-Direttiva 2007/64/KE dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern (Direttiva dwar is-servizzi ta' ħlas) (¹) għandu jiġi interpretat fis-sens li kont ta' tfaddil online li bih il-klijent (b'maturità kuljum u mingħajr involviment speċjali min-naħħa tal-bank) permezz ta' sistema ta' *online banking*, jista' jagħmel ħlasijiet u jiġbed minn kont ta' referenza miżimum minnu stess (kont kurrenti fl-Awstrija), għandu jitqies li jidħol ukoll taħt il-kunċett ta' "kont tal-ħlas" (Artikolu 4(14)) u b'hekk, jidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva?

(¹) Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Novembru 2007, dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE (ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank Den Haag, sedenti f'Amsterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi) fil-25 ta' April 2017 – X vs Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie

(Kawża C-213/17)

(2017/C 239/30)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Rechtbank Den Haag, sedenti f'Amsterdam

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: X

Konvenut: Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 23(3) tar-Regolament [(UE) Nru 604/2013] (¹), għandu jiġi interpretat fis-sens li r-Repubblika Taljana saret l-Istat Membru responsabbi biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li r-rikorrent ippreżenta, f'dan l-Istat, fit-23 ta' Ottubru 2014, u dan minkejja l-fatt li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi kien l-Istat Membru primarjament responsabbi minħabbha l-applikazzjoni jiet għall-protezzjoni internazzjonali, fis-sens tal-Artikolu 2(d) ta' dan ir-regolament, li kienu ġew ippreżentati preċedentement f'dan l-Istat Membru u li l-aħħar waħda fosthom kienet għada, f'dak il-mument, qiegħda tiġi eżaminata fil-Pajjiżi l-Baxxi għaliex id-diviżjoni tad-dritt Amministrattiv tar-[Raad van State (Kunsill tal-Istat, il-Pajjiżi l-Baxxi)] kienet għadha ma ddeċidietx dwar ir-rikors li r-rikorrent kien ippreżenta kontra d-deċiżjoni [AWB 14/13866] tar-rechtbank [Den Haag, sedenti f'Middelburg] tas-7 ta' Lulju 2014 [...]?